# Tagħrif dwar il-Kappillani li Mexxew il-Parroċċa ta' Ħal Luqa fl-Ewwel Snin tat-Twaqqif Tagħha

Mario Fenech

L-ewwel knisja ta' Sant'Andrija f'Ħal Luqa kienet diġà teżisti fis-sena 1497. Nafu li kien għamel il-Vista Pastorali tiegħu f'din il-knisja, Mons. Pietro Duzina nhar it-8 ta' Frar, 1575. Jgħid li kien sab din il-knisja fi stat tajjeb.

Ftit tas-snin wara ħareġ id-digriet tat-twaqqif tal-parroċċa nhar l-4 ta' Marzu 1632 iżda kellu jkun l-Inkwiżitur Martino Alfieri li sentejn wara fired ir-raħal ta' Ħal Luqa mill-parroċċa ta' Bir Miftuħ.

L-ewwel kappillan kien Dun Agostino Cassia. Kien minn Ħal Qormi u kellu 30 sena. Kien duttur fit-Teoloġija Sagra. Ġie maħtur kappillan ta' Ħal Luqa mill-Isqof Mons. Balaguer nhar il-15 ta' Mejju 1634. Dam imexxi l-parroċċa sas-sena 1658 meta nħatar kappillan tal-parroċċa ta' Ħal Qormi. Kien baqa' magħruf bħala kappillan serju kif ukoll



tal-affari tiegħu. Kien hu li ħadem ħafna biex tibda tiġi mibnija l-knisja parrokkjali l-ġdida ta' Sant' Andrija.

Kien kompla x-xogħol tal-bini tal-knisja l-kappillan Dun Giovanni Matteo Gatt li kien minn Bormla. Kien inħatar ukoll bħala l-kappillan ta' qablu mill-Isqof Balaguer fis-sena 1658 biex imexxi l-parroċċa ta' Ħal Luqa. Dam imexxi l-parroċċa sakemm miet nhar l-4 ta' Diċembru 1673.

It-tielet kappillan kien mill-Belt Valletta, inħatar mill-Isqof Astiria. Ħa l-pussess tiegħu f'April tas-sena 1674 u dam kappillan sa Settembru tas-sena 1678. Kien parrokkat ftit qasir għal dak iż-żmien, bħalma kien dak tal-kappillan ta' warajh Dun Giuseppe Lamagna li kien mill-Isla. Ġie maħtur kappillan mill-Isqof Molina u ħa l-pussess tal-parroċċa ta' Ħal Luqa f'Ottubru tas-sena 1678. Dam imexxi l-parroċċa sa Frar tas-sena 1683.

Il-ħames kappillan ta' Ħal Luqa kien Dun Francesco Teuma maħtur mill-Isqof Mons. Davide Cocco Palmieri. Mexxa l-parroċċa mix-xahar ta' April tas-sena 1683 sax-xahar ta' Lulju 1710. Jidher li dan kien ħalla l-kariga ta' kappillan minħabba saħħtu, għaliex kien miet nhar id-19 ta' April tas-sena 1710. Ġie midfun fil-Knisja tal-Minuri Osservani fil-Belt Valletta.

Dun Ignazio Agius li kien mill-Belt Valletta u qabel ma nħatar kappillan tal-parroċċa ta' Ħal Luqa kien diġà mexxa l-parroċċa tan-Nadur Għawdex mis-sena 1705 sas-sena 1708.

Ħa l-pussess tal-parroċċa ta' Ħal Luqa fis-sena 1711. Kien miet fil-15 ta' Settembru tas-sena 1724 fl-età ta' 51 sena. Mill-istess sena tal-ħatra tiegħu bħala kappillan fis-sena 1711 sas-sena 1715 kien ukoll jagħmel parti mill-uffiċċju tal-inkwiżitur.

Is-seba' kappillan li kellha l-parroċċa ta' Ħal Luqa kien Dun Mario Michele Mifsud minn Ħal Luqa. Inħatar kappillan mill-Isqof Mons Gori Mancini. Kien ukoll direttur spiritwali tal-monasteru tas-sorijiet ta' Santa Katerina tal-Belt Valletta. Mexxa l-parroċċa minn Diċembru 1724 sakemm miet nhar l-4 ta' Mejju 1737 fl-età ta' 62 sena.

Kienu dawn l-ewwel kappillani li mexxew il-parroċċa mhux biss minn dak li għandu x'jaqsam mal-ħidma spiritwali, iżda wkoll ħadmu biex tinbena l-knisja parrokkjali li hemm illum u biex din tiġi mogħnija bil-bosta opri sagri sbieħ li fiha li għadhom jitgawdew sal-lum.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.